# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 28 ta' Settembru tas-sena 2001.**

**Numru 32**

**Avviz numru 167/98/SM**

**Ruben Apap**

**vs**

**David Axiaq**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-2 ta' Frar ta' l-1998 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenut quddiem din il-qorti biex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

1. **Ihallas is-somma ta' erba' mija u ghaxar liri Maltin, (LM410), bilanc ta' somma akbar, liema somma hija certa, likwida u dovuta ghax-xoghol ta' "spraying" u "pannel beating";**

2. **Bl-ispejjes u imghax legali sad-data tal-pagament effettiv, inkluz ittra interpellatorja u**

**mandat ta' qbid numru 15/98 bis-subizzjoni ta' l-istess konvenut;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-20 ta' Frar ta' l-1998 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

1. **Illi dan l-ammont ma hux dovut billi x-xoghol li sar mill-attur ma kienx skond l-arti u s-sengha kif juri r-rapport maghmul mis-Sur William A. Cassar Torreggiani (anness dok. DAI);**

2. **B'riserva ghall-eccezzjonijiet ohra;**

**Rat il-kontro-talba ta' l-istess konvenut li ggib l-istess data tan-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu li permezz taghha espona u talab is-segwenti:**

1. **Illi lejn Marzu 1997 l-attur gie mitlub jaghmel xoghol ta' "pannel beating" u "spray" fuq il-vettura Triumph KAV-379 proprjeta' ta' David Axiaq bil-prezz ta' sitt mitt lira Maltin, (LM600.00,0);**

2. **Illi dan ix-xoghol kellu jigi finalizzat sa Gunju 1997 izda dan ix-xoghol gie finalizzat lejn l-ahhar t'Ottubru 1997;**

3. **Illi David Axiaq hallas l-ammont ta' mitjen lira Maltin, (LM200.00,0), biex dan ix-xoghol jinbeda;**

4. **Illi l-attur naqas li jaghmel dan ix-xoghol kif tirrikjedi l-arti u s-sengha;**

5. **Illi minhabba l-fatt illi dan ix-xoghol ma sarx tajjeb il-valur tal-vettura naqas konsiderevolment u x-xoghol kellu jrid jerga' jsir mill-gdid;**

**Jghid l-attur ghaliex din il-Qorti ma ghandiex:**

1. **Tiddikjarah responsabbli li ghamel xoghol mhux skond l-arti u s-sengha;**

2. **Tillikwida d-danni kagunati lill-konvenut;**

**3. Tikkundannah ihallas id-danni hekk likwidati lill-konvenut;**

**4. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' Jannar ta' l-1998;**

**L-attur huwa ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-attur ghall-kontro-talba tal-konvenut datata s-26 ta' Marzu ta' l-1998 li permezz taghha l-attur eccepixxa s-segwenti:**

**1. Illi t-talbiet kif dedotti fil-kontro-talba ta' David Axiaq ghandhom jigu respinti bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li fl-ebda stadju ma ndika dak li qed jghid, imma issa, li l-esponent Reuben Apap beda l-proceduri;**

**2. Illi minghajr pregiudizzju ghas-suespost qed jigi nnutat li David Axiaq juza l-vettura verament hazin, u ghalhekk ghal kull buon fini l-esponent m'ghandux ibati minhabba dan l-agir inkorret tieghu;**

**3. Illi David Axiaq fl-ebda stadju ma ndika dak li qed jghid sia fl-eccezzjonijiet u/jew il-kontro talba u ghalhekk qed juri b'mod car li qed jivvinta skuzi biex jevita l-obbligi tieghu;**

**4. Salvi eccezzjonijiet ohra;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi l-attur refa' r-responsabbilita' li jghamel xoghol ta' "panel beating" u "spray" fuq il-vettura tal-marka Triumph mudel 12/50 li llum ilha madwar tletin (30) sena fit-triq proprjeta'**

**tal-konvenut u li ggib in-numru ta' registrazzjoni KAV-379;**

**2. Illi a bazi tal-kondizzjonijiet pattwiti bejn il-partijiet dan ix-xoghol kellu jsir ghall-prezz ta' sitt mitt Lira Maltin, (LM600.00,0), li minnhom il-konvenut intalab u hallas lill-attur mitejn Lira Maltin, (LM200.00,0);**

**3. Illi skond l-espert tekniku nominat minn din il-qorti diversament preseduta x-xoghol li l-attur effettwa fuq il-vettura in dizamina tal-konvenut ma kienx irfinut u li l-istess vettura ma kienitx f'kondizzjoni sewwa lanqas ghall-fini tal-kategorija "vintage";**

**4. Illi l-istess espert ikkwantifika dan l-irfinar fl-ammont ta' mija u hamsin Lira Maltin, (LM150.00,0);**

**Ikkonsidrat:**

**Illi ghalkemm ezaminat sewwa d-deposizzjonijiet rilevanti u n-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenut din il-qorti ma tarax li hemm ragunijiet legali tali li jiskossaw il-konkluzjonijiet li wasal ghalihom l-espert tekniku fuq riferit u konsegwentement taghmilhom taghha;**

**Ghaldaqstant filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u l-kontro-talba tieghu, tichad ukoll in parte t-talbiet attrici u n-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu ghall-kontro-talba ta' l-attur u a bazi tal-konkluzjonijiet ta' l-espert tekniku fuq indikat tikkundanna lill-konvenut David Axiaq biex ihallas lill-attur l-ammont ta' mija u hamsin Lira Maltin, (LM150.00,0), kif fuq indikat, bl-ispejjez jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**